SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

13 ta' Mejju 2026*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn l-ETUC, l-UNICE u ċ-CEEP dwar xogħol għal żmien determinat – Punt 1 tal-klawżola 5 – Obbligu għall-Istati Membri li jintroduċu miżuri intiżi li jipprevjenu u li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat – Assenza ta' tali miżuri – Kunċett ta' 'raġunijiet oġġettivi' li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti"

Fil-Kawża C-155/25,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, imressaq fil-21 ta' Frar 2025,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn S. Delaude u D. Recchia, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn S. Fiorentino, bħala aġent, assistit minn A. Berti Suman u L. Fiandaca, avvocati dello Stato,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn J. Passer, President tal-Awla, D. Gratsias u B. Smulders (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: R. Norkus,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tikkonstata li, billi ma adottatx miżuri intiżi li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat għall-persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju (iktar 'il quddiem il-"persunal ATA") ta' sostituzzjoni impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas"), li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368), u

– tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tiddikjara, fil-punt 1 tagħha, li:

"Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:

(a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;

(b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;

(ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet."

Id-dritt Taljan

3 Id-decreto legislativo n. 297 – Approvazione del testo unico delle disposizioni legislative vigenti in materia di istruzione, relative alle scuole di ogni ordine e grado (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 297, li Japprova t-Test Uniku tad-Dispożizzjonijiet Leġiżlattivi Applikabbli fil-Qasam tat-Tagħlim, dwar l-Iskejjel ta' Kull Tip u ta' Kull Livell), tas-16 ta' April 1994 (GURI Nru 115 tad-19 ta' Mejju 1994, Suppliment Ordinarju Nru 79) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994"), jipprovdi, fl-Artikolu 554 tiegħu, li:

"1. Il-ħatriet bħala uffiċjali permanenti għall-funzjonijiet tar-raba' livell għandhom isiru permezz ta' kompetizzjonijiet provinċjali bbażati fuq kwalifiki, organizzati kull sena fil-limiti tal-pożizzjonijiet vakanti, mill-awtoritajiet skolastiċi abbażi ta' digriet tal-Ministru għall-Edukazzjoni, li fih għandhom jiġu speċifikati b'mod partikolari l-kwalifiki meħtieġa u l-kriterji ta' evalwazzjoni.

2. Dawn il-kompetizzjonijiet għandhom ikunu miftuħa għall-persunal ATA mhux permanenti, b'mill-inqas sentejn servizz, mingħajr ebda nuqqas dixxiplinari, f'funzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk li għalihom huma organizzati l-kompetizzjonijiet. Huwa possibbli li wieħed jipparteċipa biss fil-kompetizzjoni organizzata fil-provinċja fejn il-kandidat ikun fis-servizz fid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

3. Il-persunal ATA mhux permanenti, li jkun wettaq mill-inqas sentejn servizz, kompletament jew parzjalment, f'funzjonijiet ogħla minn dawk li għalihom huma organizzati l-kompetizzjonijiet, għandu d-dritt li jipparteċipa fil-kompetizzjonijiet għall-funzjoni immedjatament inferjuri.

[…]

8. Il-ħatriet bħala uffiċjali permanenti għandhom ssir, fil-limiti tal-pożizzjonijiet disponibbli, skont l-ordni tal-listi permanenti ta' kandidati xierqa, ikkompletati u aġġornati bil-kriterji indikati iktar 'il fuq."

4 L-Artikolu 4 tal-legge n. 124 – Disposizioni urgenti in materia di personale scolastico (il-Liġi Nru 124 dwar Dispożizzjonijiet Urġenti fil-Qasam tal-Persunal Skolastiku), tat-3 ta' Mejju 1999 (GURI Nru 107, tal-10 ta' Mejju 1999, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 124/1999"), intitolata "Sostituzzjonijiet", jgħid li:

"1. Meta ma jkunx possibbli li l-pożizzjonijiet ta' professuri u ta' għalliema li jkunu effettivament vakanti u disponibbli qabel il-31 ta' Diċembru jimtlew b'għalliema permanenti li jifformaw parti mill-persunal provinċjali jew bl-użu ta' persunal żejjed u meta jkun prevedibbli li tali pożizzjonijiet ser jibqgħu vakanti matul is-sena skolastika kollha, u bil-kundizzjoni li persunal permanenti ma jkunx diġà ġie assenjat f'dawn il-pożizzjonijiet bi kwalunkwe titolu, dawn għandhom jimtlew permezz ta' sostituzzjonijiet annwali, fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' għalliema permanenti.

2. Il-pożizzjonijiet ta' professuri u ta' għalliema mhux vakanti li jsiru disponibbli *de facto* qabel il-31 ta' Diċembru u sat-tmiem tas-sena skolastika għandhom jimtlew permezz ta' sostituzzjonijiet temporanji sat-tmiem tal-attivitajiet ta' tagħlim. Bl-istess mod, is-siegħat ta' tagħlim li ma jippermettux li jinħolqu pożizzjonijiet full-time jew part-time għandhom jimtlew permezz ta' sostituzzjonijiet temporanji sat-tmiem tal-attivitajiet ta' tagħlim.

3. F'każijiet oħra minn dawk previsti fil-paragrafi 1 u 2, għandhom isiru sostituzzjonijiet temporanji.

[…]

11. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi preċedenti għandhom japplikaw ukoll għall-persunal ATA."

5 Id-decreto ministeriale n. 430 – Regolamento recante norme sulle modalità di conferimento delle supplenze al personale amministrativo, tecnico ed ausiliario ai sensi dell'articolo 4 della legge 3 maggio 1999, n. 124 (id-Digriet Ministerjali Nru 430, li Jistabbilixxi r-Regolament li Jiffissa r-Regoli dwar il-Modalitajiet tal-Għoti tas-Sostituzzjonijiet tal-Persunal Amministrattiv, Tekniku

u Awżiljarju skont l-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 124, tat-3 ta' Mejju 1999), tat-13 ta' Diċembru 2000 (GURI Nru 19, tal-24 ta' Jannar 2001), jipprevedi, fl-Artikolu 1 tiegħu, intitolat "Disponibbiltà ta' pożizzjonijiet u tipi ta' sostituzzjonijiet", dan li ġej:

"1. Konformement mal-Artikolu 4(1), (2), (3) u (11) tal-[Liġi Nru 124/1999], meta ma jkunx possibbli li jimtlew il-pożizzjonijiet ta' [persunal ATA] disponibbli permezz tal-assenjazzjoni tal-persunal żejjed fis-servizz jew, taħt kwalunkwe titolu, tal-persunal b'kuntratt għal żmien indeterminat, għandhom isiru:

a) sostituzzjonijiet annwali, sabiex jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti disponibbli qabel l-31 ta' Diċembru u li x'aktarx jibqgħu vakanti matul is-sena skolastika kollha;

b) sostituzzjonijiet temporanji sat-tmiem tal-attivitajiet ta' tagħlim, sabiex ikopru l-pożizzjonijiet mhux vakanti disponibbli qabel il-31 ta' Diċembru u sa tmiem tas-sena skolastika;

c) sostituzzjonijiet temporanji, għal kull ħtieġa oħra ta' sostituzzjoni li ma taqax taħt il-każijiet preċedenti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6."

6 L-Artikolu 36 tad-decreto legislativo n. 165 – Norme generali sull'ordinamento del lavoro alle dipendenze delle amministrazioni pubbliche (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 165, li Jistabbilixxi Regoli Ġenerali dwar l-Organizzazzjoni tax-Xogħol fl-Amministrazzjonijiet Pubbliċi), tat-30 ta' Marzu 2001 (GURI Nru 106, tad-9 ta' Mejju 2001, suppliment ordinarju Nru 112, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001"), intitolat "Persunal b'kuntratt għal żmien determinat jew impjegat fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol flessibbli", jipprovdi li:

"1. Għar-rekwiżiti marbuta mal-bżonnijiet ordinarji tagħhom, l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jirreklutaw esklużivament permezz ta' kuntratti ta' impjieg għal żmien indeterminat […]

2. L-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jikkonkludu kuntratti ta' impjieg għal żmien determinat, kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol, kif ukoll kuntratti ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal għal żmien determinat, u jagħmlu użu mill-forom ta' kuntratti flessibbli previsti mill-Kodiċi Ċivili u minn leġiżlazzjonijiet oħra dwar ir-relazzjonijiet ta' xogħol fl-impriża, esklużivament fil-limiti u skont il-modalitajiet previsti għall-applikazzjoni tagħhom fl-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jikkonkludu l-kuntratti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu biss għal bżonnijiet reali ta' natura esklużivament temporanja jew eċċezzjonali u b'osservanza tal-kundizzjonijiet u tal-proċeduri ta' reklutaġġ iddefiniti fl-Artikolu 35. Il-kuntratti ta' impjieg għal żmien determinat jistgħu jiġu konklużi skont l-Artikoli 19 *et seq*. tad-[decreto legislativo 15 giugno 2015, n. 81 – Disciplina organica dei contratti di lavoro e revisione della normativa in tema di mansioni, a norma dell'articolo 1, comma 7, della legge 10 dicembre 2014, n. 183 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 81 dwar ir-Regolamentazzjoni Sistematika tal-Kuntratti ta' Xogħol u r-Reviżjoni tal-Leġiżlazzjoni dwar l-Obbligi Professjonali, skont l-Artikolu 1(7) tal-Liġi Nru 183, tal-10 ta' Diċembru 2014), tal-15 ta' Ġunju 2015 (GURI Nru 144, tal-24 ta' Ġunju 2015, suppliment ordinarju Nru 34, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015")] […]

[…]

5. Fi kwalunkwe każ, il-ksur ta' dispożizzjonijiet imperattivi fil-qasam tar-reklutaġġ jew tal-impjieg ta' ħaddiema mill-amministrazzjonijiet pubbliċi ma jistax iwassal għall-istabbiliment

ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien indeterminat ma' dawn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, bla ħsara għar-responsabbiltà u għas-sanzjonijiet li dawn jistgħu jinkorru. Il-ħaddiem ikkonċernat għandu dritt għall-kumpens għad-dannu li jirriżulta mix-xogħol imwettaq bi ksur ta' dispożizzjonijiet imperattivi. Fil-każ speċifiku ta' dannu li jirriżulta mill-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, bla ħsara għall-possibbiltà għall-ħaddiem li jipprova kull dannu addizzjonali, il-qorti għandha tistabbilixxi kumpens bejn minimu ta' erba' pagamenti mensili u massimu ta' erbgħa u għoxrin pagament mensili abbażi tal-aħħar remunerazzjoni ta' referenza għall-kalkolu tal-kumpens ta' tmiem il-kuntratt, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-gravità tal-ksur, b'mod partikolari minħabba n-numru ta' kuntratti suċċessivi bejn il-partijiet u t-tul totali tar-relazzjoni.

[…]

5d. Bla ħsara għall-paragrafu 5, dan l-artikolu ma japplikax għar-reklutaġġ tal-[persunal ATA] għal żmien determinat fl-istabbilimenti skolastiċi u edukattivi tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali, kif ukoll fl-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja fil-qasam tal-arti, tal-mużika u taż-żfin. […]"

7 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015 jistabbilixxi, fil-Kapitolu III tiegħu, intitolat "Xogħol għal żmien determinat", tul massimu għall-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat (Artikolu 19), kif ukoll numru massimu ta' tiġdid (Artikolu 21). Skont l-Artikolu 29(2)(c) tiegħu, il-Kapitolu III ma japplikax għall-"kuntratti għal żmien determinat konklużi mal-[persunal ATA] għall-għoti ta' sostituzzjonijiet […]", peress li l-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu jipprevedi li "[j]ibqgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001]".

8 Il-legge n. 107 – Riforma del sistema nazionale di istruzione e formazione e delega per il riordino delle disposizioni legislative vigenti (il-Liġi Nru 107, li Tirriforma s-Sistema Nazzjonali tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ u Tagħti Delega għar-Reviżjoni tad-Dispożizzjonijiet Leġiżlattivi fis-Seħħ), tat-13 ta' Lulju 2015 (GURI Nru 162, tal-15 ta' Lulju 2015, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 107/2015"), kienet introdużiet, fl-Artikolu 1(131) tagħha, tul massimu ta' 36 xahar, anki jekk mhux konsekuttivi, għall-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat tal-għalliema u tal-persunal ATA tal-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi. Din id-dispożizzjoni tħassret bl-Artikolu 4a tad-decreto-legge n. 87 – Disposizioni urgenti per la dignità dei lavoratori e delle imprese (id-Digriet Liġi Nru 87, dwar Dispożizzjonijiet Urġenti għad-Dinjità tal-Ħaddiema u tal-Impriżi), tat-12 ta' Lulju 2018 (GURI Nru 161, tat-13 ta' Lulju 2018, iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi Nru 87/2018").

Il-proċedura prekontenzjuża

9 Fis-26 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Taljana, li fiha esprimiet id-dubji tagħha dwar, b'mod partikolari, il-konformità mal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas ta' diversi dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-persunal ATA ta' sostituzzjoni impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi, għal dak li jirrigwarda l-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien determinat.

10 Ir-Repubblika Taljana wieġbet għall-ilmenti u għall-mistoqsijiet imqajma f'din l-ittra ta' intimazzjoni permezz ta' diversi komunikazzjonijiet. Wara komunikazzjoni tad-29 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni bagħtet lil dan l-Istat Membru, fit-3 ta' Diċembru 2020, ittra ta' intimazzjoni addizzjonali, li għaliha l-imsemmi Stat Membru wieġeb, b'mod partikolari, permezz ta' ittri tas-6 ta' April u tal-21 ta' Settembru 2021.

11 Fid-19 ta' April 2023, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Taljana li fiha hija, b'mod partikolari, żammet il-pożizzjoni tagħha li l-leġiżlazzjoni Taljana ma hijiex konformi mal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas fir-rigward tal-protezzjoni tal-persunal ATA ta' sostituzzjoni kontra l-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien determinat, u stiednet lil din tal-aħħar tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha miegħu f'terminu ta' xahrejn minn meta tirċievi din l-opinjoni.

12 Fit-tweġiba tagħha tat-8 ta' Frar 2024 għall-opinjoni motivata, ir-Repubblika Taljana esprimiet, għal darba oħra, in-nuqqas ta' qbil tagħha mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

13 Peress li ma kinitx konvinta b'din it-tweġiba, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Fuq ir-rikors

14 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Taljana talli naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas billi ma ħaditx miżuri intiżi li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat għall-persunal ATA ta' sostituzzjoni impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi.

L-argumenti tal-partijiet

15 Il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li fid-dritt Taljan ma teżisti ebda miżura adottata skont il-punt 1(b) u (c) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar it-tul massimu totali tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat li jistgħu jiġu konklużi mal-persunal ATA ta' sostituzzjoni jew dwar in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti. Fil-fatt, mill-Artikolu 36(5d) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001 u mill-Artikolu 29(2)(c) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015 jirriżulta li d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu t-tul massimu u n-numru massimu ta' kuntratti għal żmien determinat li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jikkonkludu għall-finijiet tar-reklutaġġ tal-persunal tagħhom ma japplikawx għall-kuntratti konklużi mal-persunal ATA impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi. Barra minn hekk, jekk, qabel, l-Artikolu 1(131) tal-Liġi Nru 107/2015 kien jistabbilixxi limiti f'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tħassret mid-Digriet Liġi Nru 87/2018.

16 Fit-tieni lok, din l-istituzzjoni ssostni li huma wkoll neqsin, fid-dritt Taljan, miżuri bħal dawk imsemmija fil-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, li jirrigwardaw ir-raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat mal-persunal ATA impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi.

17 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) u (11) tal-Liġi Nru 124/1999, li jippermettu r-reklutaġġ ta' persunal ATA sabiex jimtlew b'mod temporanju pożizzjonijiet vakanti u disponibbli fit-tagħlim pubbliku, ma jinkludu ebda riferiment għal rekwiżit, bħal rekwiżit ta' flessibbiltà speċifiku għat-tagħlim pubbliku, li jista' jintrabat mal-kunċett ta' raġunijiet oġġettivi fis-sens tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas. Barra minn hekk, iċ-ċifri ppubblikati mill-Ministero dell'Istruzione (il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Italja) dwar l-iżvilupp tal-popolazzjoni skolastika u tal-kompożizzjoni tal-persunal jidhru, min-naħa tagħhom, li jikkontradixxu l-eżistenza ta' tali rekwiżit. Fil-fatt, minkejja li, mis-sena skolastika 2017/2018, kien hemm tnaqqis kontinwu fin-numru ta' studenti, in-numru u l-proporzjon tal-persunal ATA impjegat għal żmien determinat komplew jiżdiedu matul l-istess perijodu.

18 Minn dan il-Kummissjoni tiddeduċi li, anki jekk huwa konċepibbli li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista', teoretikament, tibbaża ruħha fuq raġuni oġġettiva bħal rekwiżit ta' flessibbiltà marbut mal-partikolaritajiet tal-iskola pubblika, tali rekwiżit ma jeżistix fil-prattika.

19 It-tieni nett, u fi kwalunkwe każ, is-sempliċi eżistenza ta' raġuni oġġettiva ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, peress li, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet li jirriżultaw mis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et* (C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401), tali konformità tippreżupponi li din il-leġiżlazzjoni tippermetti li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid tal-kuntratti għal żmien determinat konklużi mal-persunal ATA ta' sostituzzjoni jissodisfax effettivament bżonn reali u josservax il-prinċipju ta' proporzjonalità.

20 Issa, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tippermettix li jiġu identifikati tali kriterji. Għall-kuntrarju, ir-reklutaġġ tal-persunal ATA abbażi ta' kuntratti għal żmien determinat jikkostitwixxi fir-realtà l-metodu abitwali ta' reklutaġġ. Fil-fatt, sabiex jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet organizzati sabiex jimtlew pożizzjonijiet permanenti intiżi għall-persunal ATA ta' sostituzzjoni, il-persuni kkonċernati għandhom qabelxejn ikunu ġew irreklutati fil-kuntest ta' kuntratti għal żmien determinat u jkollhom mill-inqas sentejn servizz, li huwa f'kontradizzjoni manifesta mal-premessa li fuqha huwa bbażat il-Ftehim qafas, li tgħid li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat huma l-forma ġenerali tar-relazzjonijiet ta' xogħol. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet ma ssirx skont kalendarju preċiż, sa fejn hija suġġetta għal restrizzjonijiet baġitarji u tiddependi, barra minn hekk, mit-tluq naturali tal-persunal permanenti.

21 Konsegwentement, skont il-Kummissjoni, ir-reklutaġġ tal-persunal ATA ta' sostituzzjoni permezz ta' kuntratti għal żmien determinat isir mingħajr ma l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tipprevedi raġunijiet oġġettivi fis-sens tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, peress li din il-leġiżlazzjoni tippermetti, għall-kuntrarju, li jintużaw tali kuntratti sabiex jiġu ssodisfatti bżonnijiet permanenti u fit-tul. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tirrileva, f'dan il-kuntest, li r-Repubblika Taljana stess irrikonoxxiet dan fit-tweġiba tagħha, billi affermat li l-persunal ATA huwa rreklutat għal żmien determinat sabiex jiġu indirizzati "nuqqasijiet strutturali" ta' persunal.

22 Fit-tielet lok, u għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni żżid li, jekk ir-Repubblika Taljana kellha tqis li l-organizzazzjoni f'dawn l-aħħar snin ta' diversi kompetizzjonijiet taqa' taħt il-kunċett ta' "miżuri legali ekwivalenti" fis-sens tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, għandu jiġi kkunsidrat li tali organizzazzjoni tirrappreżenta biss miżura speċifika li tippermetti, l-iktar l-iktar, li tintemm, f'ċerti aspetti, sitwazzjoni abbużiva diġà mwettqa, mingħajr ma tkun ta' natura li tevita l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fir-rigward tal-persunal ATA impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi. L-istess japplika għall-abbozzi leġiżlattivi invokati mir-Repubblika Taljana, li l-applikazzjoni tagħhom hija limitata għal ċerti snin skolastiċi.

23 Ir-Repubblika Taljana tqis, min-naħa tagħha, li hija osservat l-obbligi li jirriżultaw mill-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

24 Fl-ewwel lok, dan l-Istat Membru jirrileva li l-aċċess għall-ħatra bħala uffiċjal permanenti fi ħdan it-tagħlim pubbliku jsir permezz tal-proċeduri ta' selezzjoni msemmija fl-Artikolu 554 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994, li huma esklużivament miftuħa għall-persunal ATA mhux permanenti li jkollu mill-inqas sentejn servizz u li fil-kuntest tagħhom tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza

miksuba. B'hekk, is-servizz imwettaq fil-kuntest ta' kuntratt għal żmien determinat jippermetti li tiġi vvalorizzata din l-esperjenza u jikkontribwixxi għall-konklużjoni ta' kuntratt għal żmien indeterminat. Għal din ir-raġuni, din is-sistema kienet dejjem maħsuba b'tali mod li tiffavorixxi t-tiġdid ta' kuntratti għal żmien determinat konklużi mal-persunal ATA ta' sostituzzjoni, sa fejn tali tiġdid jiffaċilita l-aċċess għall-ħatra bħala uffiċjal permanenti. F'din l-istess perspettiva, ġie deċiż li jitħassar, permezz tad-Digriet Liġi Nru 87/2018, it-tul massimu ta' 36 xahar preċedentement previst għal tali kuntratti fl-Artikolu 1(131) tal-Liġi Nru 107/2015.

25 Fit-tieni lok, tali mekkaniżmu ta' reklutaġġ jieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tas-sistema skolastika, jiġifieri l-varjabbiltà qawwija fid-domanda għal persunal ATA skont in-numru ta' studenti rreġistrati fid-diversi skejjel u żoni ġeografiċi kif ukoll ir-rabta stretta li teżisti bejn in-numru neċessarju ta' persuni li jaqgħu taħt il-persunal ATA u d-daqs tal-popolazzjoni tal-istudenti. Issa, dawn il-partikolaritajiet jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi fis-sens tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

26 F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Taljana tenfasizza, l-ewwel nett, li ma jidhirx li din id-dispożizzjoni teżiġi li tali raġunijiet oġġettivi jkunu stabbiliti fid-dritt pożittiv.

27 It-tieni nett, iż-żieda fil-persunal ATA msemmija mill-Kummissjoni hija dovuta għan-neċessità li jiġi rrimedjat in-nuqqas strutturali ta' persunal f'sistema li timponi l-osservanza tar-rotazzjoni tiegħu. F'dan l-aħħar rigward, dan l-Istat Membru jenfasizza madankollu, fil-kontroreplika tiegħu, li ma hemmx lok li l-argument tiegħu jinftiehem fis-sens li dan in-nuqqas strutturali ta' persunal jikkostitwixxi, bħala tali, raġuni oġġettiva fis-sens tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

28 Fit-tielet lok, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, matul is-snin 2019 sa 2021, illimita l-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fir-rigward tal-persunal ATA billi pproċeda għall-implimentazzjoni ta' diversi proċeduri ta' reklutaġġ. Barra minn hekk, għas-sena skolastika 2023/2024, ġie awtorizzat ir-reklutaġġ b'ħatra bħala uffiċjali permanenti ta' total globali ta' 9 975 unità ta' persunal imqassma kif ġej, jiġifieri 2 163 assistent amministrattiv, 717-il assistent tekniku, 7 066 kollaboratur skolastiku, 13-il kollaboratur skolastiku tekniku (assenjati lill-azjendi agrikoli), 8 attendenti tal-gwardarobba, 4 koki u 4 infermiera.

29 Fir-raba' lok, ir-Repubblika Taljana, mingħajr ma tirrinunzja għall-eċċezzjonijiet tad-difiża tagħha, tosserva li hija qiegħda tipprepara emendi għal-leġiżlazzjoni applikabbli intiżi li jagħtu lill-persunal ATA kollu ta' sostituzzjoni impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi possibbiltajiet serji ta' permanenza fl-impjieg tagħhom permezz tal-okkupazzjoni immedjata tal-pożizzjonijiet permanenti kollha attwalment vakanti, u dan b'deroga mill-modalitajiet abitwali ta' reklutaġġ tal-persunal ATA. Barra minn hekk, qed tiġi ppreparata sistema ġdida ta' klassifikazzjoni professjonali tal-persunal ATA, li tinkludi mekkaniżmi ġodda ta' progress u ta' reklutaġġ. Madankollu, kwalunkwe riforma possibbli tal-mekkaniżmi ta' reklutaġġ għandha tkun ir-riżultat ta' proċess ta' djalogu mas-sħab soċjali u ma' amministrazzjonijiet rilevanti oħra.

30 Ir-Repubblika Taljana titlob għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad ir-rikors tal-Kummissjoni bħala infondat jew, sussidjarjament, tissospendi l-proċedura skont l-Artikolu 55 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod li tkun tista' tadotta fi żmien raġonevoli l-emendi leġiżlattivi neċessarji.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

31 Għandu jitfakkar li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, li għandha l-għan li timplimenta wieħed mill-għanijiet segwiti minnha, jiġifieri li jkun limitat l-użu suċċessiv tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat, teżiġi, fil-punt 1 tagħha, fir-rigward tal-Istati Membri, l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri elenkati, meta d-dritt intern tagħhom ma jkollux miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri hekk elenkati fil-punt 1(a) sa (ċ) ta' din il-klawżola, li huma tlieta, jirrigwardaw, rispettivament, ir-raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' tali relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' impjieg suċċessivi u n-numru ta' tiġdid tagħhom (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 83 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 L-Istati Membri għandhom, f'dan ir-rigward, marġni ta' evalwazzjoni, peress li għandhom l-għażla li jużaw waħda jew iktar mill-miżuri stabbiliti fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-imsemmija klawżola 5 jew miżuri legali eżistenti ekwivalenti (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto, C-331/17, EU:C:2018:859, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-miżuri previsti fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, dwar it-tul massimu totali ta' kuntratti għal żmien determinat kif ukoll in-numru ta' tiġdid tagħhom, il-Kummissjoni tesponi, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-Repubblika Taljana, li, fir-rigward tal-persunal ATA impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi, tali miżuri ma jeżistux fid-dritt Taljan. Hija tenfasizza, f'dan il-kuntest, li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Taljan li jistabbilixxu t-tul massimu u n-numru massimu ta' kuntratti għal żmien determinat li l-amministrazzjonijiet pubbliċi huma awtorizzati jikkonkludu għall-finijiet tar-reklutaġġ tal-persunal tagħhom huma espressament inapplikabbli għall-kuntratti konklużi ma' dan il-persunal ATA, filwaqt li d-dispożizzjoni li qabel kienet tipprevedi tul massimu ta' 36 xahar għal tali kuntratti tħassret fl-2018.

34 Sabiex tikkontesta l-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni, ir-Repubblika Taljana tirrileva li, għalkemm id-dispożizzjoni li tipprevedi tul massimu ta' 36 xahar għal kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat konklużi mal-persunal ATA inkwistjoni ġiet effettivament imħassra, tali tħassir kien fir-realtà intiż li jippermetti lil dan il-persunal jakkumula l-esperjenza permezz tal-konklużjoni repetuta ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat u b'hekk iżid il-possibbiltajiet tiegħu li jinħatar bħala uffiċjal permanenti fi stadju ulterjuri, liema ħatra ssir, b'mod partikolari, skont l-esperjenza hekk miksuba.

35 Issa, għandu jiġi kkonstatat li tali argument sempliċement jikkonferma l-assenza, fid-dritt Taljan, ta' miżuri intiżi li jillimitaw it-tul massimu jew in-numru ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat li jistgħu jiġu konklużi mal-persunal ATA inkwistjoni u, konsegwentement, l-assenza ta' miżuri preventivi tal-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-sens tal-punt 1(b) u (ċ) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat, fit-tieni lok, jekk id-dritt Taljan jipprevedix, għall-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat konklużi mal-persunal ATA ta' sostituzzjoni, il-miżura msemmija fil-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, dwar ir-raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat.

37 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" għandu jinftiehem li jfisser ċirkustanzi preċiżi u konkreti li jikkaratterizzaw attività determinata u, għaldaqstant, ta' natura li jiġġustifikaw f'dan il-kuntest partikolari l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat. Dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jirriżultaw, b'mod partikolari, min-natura partikolari tal-kompiti li għat-twettiq tagħhom tali kuntratti ġew konklużi u mill-karatteristiċi intrinsiċi għalihom jew, jekk ikun il-każ, mit-tfittxija ta' għan leġittimu ta' politika soċjali ta' Stat Membru (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 87 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Min-naħa l-oħra, dispożizzjoni nazzjonali li tillimita ruħha li tawtorizza, b'mod ġenerali u astratt permezz ta' norma leġiżlattiva jew regolamentari, l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, ma tkunx konformi mar-rekwiżiti kif ippreċiżati fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza. Fil-fatt, tali dispożizzjoni, ta' natura purament formali ma tippermettix li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti jissodisfax effettivament bżonn veru, jekk huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u jekk huwiex neċessarju għal dan l-iskop. Tali dispożizzjoni tinvolvi għalhekk riskju reali li jsir użu abbużiv minn dan it-tip ta' kuntratti u b'hekk ma hijiex kompatibbli mal-għan u mal-effettività tal-Ftehim qafas (sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 88 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan il-każ, mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni jirriżulta li l-kritika tagħha tirrigwarda prinċipalment id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) u (11) tal-Liġi Nru 124/1999, li kienu wkoll inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, (C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401), u li b'applikazzjoni tagħhom, moqrija flimkien, huwa permess li jimtlew pożizzjonijiet ta' persunal ATA "effettivament vakanti u disponibbli qabel il-31 ta' Diċembru" tas-sena skolastika permezz ta' sostituzzjonijiet annwali, u dan "fl-istennija tat-tmiem tal-proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' [persunal] permanenti".

40 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għalkemm ir-Repubblika Taljana ma tidhirx, f'din il-kawża, li tinvoka, bħala raġuni oġġettiva fis-sens tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, il-ħtieġa li jimtlew b'mod temporanju impjiegi intiżi għal persunal permanenti, jiġifieri fl-istennija tat-tlestija ta' proċeduri ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' tali persunal, għandu madankollu jitfakkar, fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward kif ukoll tal-formulazzjoni stess tal-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 124/1999 li jsemmi espressament dan il-bżonn, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li tali bżonn jista' jiġġustifika l-użu ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punt 96).

41 Madankollu, sabiex leġiżlazzjoni nazzjonali intiża li tieħu inkunsiderazzjoni tali bżonn tkun tista' titqies li hija ġġustifikata minn raġuni oġġettiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu, fl-applikazzjoni konkreta ta' din il-leġiżlazzjoni, kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid ta' kuntratti għal żmien determinat jissodisfax effettivament bżonn reali, huwiex ta' natura li jintlaħaq l-għan imfittex u huwiex neċessarju għal dan l-għan, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li l-imsemmija leġiżlazzjoni ma tistax tiġi ġġustifikata skont il-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas jekk hija tippermetti li jsir tali tiġdid sabiex ikopri bżonnijiet li, fil-fatt, ma humiex ta' natura provviżorja, iżda, għall-kuntrarju, permanenti u fit-tul (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punti 99 u 100 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ssostni, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-Repubblika Taljana, minn naħa, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tistabbilixxi ebda terminu preċiż għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' kompetizzjoni, li fir-rigward tagħhom hija tippreċiża li din hija suġġetta għal restrizzjonijiet baġitarji u hija, barra minn hekk, dipendenti fuq it-tluq naturali tal-persunal permanenti. Min-naħa l-oħra, din l-istituzzjoni tirrileva li l-possibbiltà għall-persunal ATA ta' sostituzzjoni li jipparteċipa f'tali kompetizzjonijiet hija, barra minn hekk, suġġetta għall-kundizzjoni, għall-membri ta' dan il-persunal, li jkunu wettqu mill-inqas sentejn servizz fl-eżerċizzju tal-attività tagħhom għal żmien determinat, fatt li barra minn hekk dan l-Istat Membru stess ikkonferma billi rrefera għall-Artikolu 554 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 dwar, b'mod partikolari, il-ħatra bħala uffiċjal permanenti permezz tal-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni, li l-paragrafu 2 tiegħu jipprevedi tali kundizzjoni.

43 Issa, dawn l-elementi, mhux ikkonfutati, anzi irrikonoxxuti, mir-Repubblika Taljana, juru li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, minkejja li tillimita formalment l-użu tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat sabiex isiru sostituzzjonijiet annwali għal pożizzjonijiet vakanti u liberi fl-iskejjel amministrati mill-Istat għal perijodu temporanju biss li jintemm meta jitlestew il-proċeduri ta' kompetizzjoni, ma tippermettix li jiġi żgurat li l-applikazzjoni konkreta ta' din ir-raġuni oġġettiva, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-attività kkonċernata u tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħha, tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Ftehim qafas, iżda hija, għall-kuntrarju, ta' natura li tippermetti, bi ksur tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, it-tiġdid ta' tali kuntratti sabiex jiġu koperti bżonnijiet li, fil-fatt, ma humiex ta' natura provviżorja, iżda permanenti u fit-tul (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punti 108 u 109).

44 B'mod partikolari, il-fatt li, skont l-Artikolu 554(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994, il-persunal ATA għandu, sabiex ikun jista' jipparteċipa fil-kompetizzjonijiet li jistgħu jwasslu għall-ħatra bħala uffiċjal permanenti u, bl-istess mod, għal impjieg permanenti, jissodisfa l-kundizzjoni li jkollu "mill-inqas sentejn servizz […] f'funzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk li għalihom huma organizzati l-kompetizzjonijiet" għandu tendenza, fih innifsu u indipendentement min-natura aleatorja u imprevedibbli tal-organizzazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet, li jżid ir-riskju ta' użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat sa fejn, matul dan il-perijodu minimu ta' sentejn, tali kuntratti jistgħu jiġġeddu mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi ggarantit li l-ħtieġa li twassal għal tali tiġdid tkun ta' natura provviżorja u mhux permanenti u fit-tul.

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-bżonn li jimtlew b'mod temporanju impjiegi permanenti sakemm jitlestew il-proċeduri ta' kompetizzjoni organizzati għar-reklutaġġ ta' persunal permanenti, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 124/1999, ma jistax, f'dan il-każ, jitqies li jikkostitwixxi "raġuni oġġettiva" li tiġġustifika t-tiġdid tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat konklużi mal-persunal ATA impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi, konformement mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

46 Fir-rigward, it-tieni nett, tal-ħtieġa ta' flessibbiltà speċifika għat-tagħlim pubbliku, li tinvoka r-Repubblika Taljana, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li tali bżonn, b'mod partikolari sa fejn huwa marbut mal-ħtieġa ta' adegwatezza bejn in-numru ta' ħaddiema li jokkupaw pożizzjonijiet fi ħdan it-tagħlim pubbliku u n-numru ta' studenti, jista', bħala prinċipju, huwa wkoll, jittieħed inkunsiderazzjoni bħala "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et*, C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punti 94 u 95).

47 Madankollu, għalkemm, f'dan il-każ, huwa konċepibbli li l-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 124/1999 jaqgħu fil-kuntest ta' tali ħtieġa ta' flessibbiltà fir-rigward tar-reklutaġġ tal-persunal ATA, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw il-possibbiltà li jimtlew pożizzjonijiet temporanjament liberi, minbarra dawk li huma vakanti, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 11 ta' dan l-artikolu, imsemmija fil-punt 39 ta' din is-sentenza u li jirrigwardaw pożizzjonijiet vakanti u liberi intiżi għall-persunal ATA, min-naħa l-oħra, ma jinkludu ebda element li jista' jindika li huma intiżi effettivament li jissodisfaw tali bżonn ta' flessibbiltà, u lanqas, inqas u inqas, li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-possibbiltà li jiġu konklużi kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat ma' dan il-persunal.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ssegwi l-għan invokat mir-Repubblika Taljana, jiġifieri li tippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' flessibbiltà speċifika għat-tagħlim pubbliku, is-sitwazzjoni legali tal-persunal ATA li tirriżulta minn din il-leġiżlazzjoni, kif ippreżentata lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni li għandhom jikkaratterizzaw miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni.

49 Fil-fatt, tali għan ma jistax jirrendi din il-leġiżlazzjoni konformi mal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, peress li ma jippermettix li tintwera l-eżistenza ta' ċirkustanzi preċiżi u konkreti li jikkaratterizzaw l-attività inkwistjoni u, għaldaqstant, li jiġġustifikaw f'dan il-kuntest partikolari l-użu ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 37 ta' din is-sentenza (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-238/14, EU:C:2015:128, punt 50).

50 Dan japplika iktar u iktar fil-każ ineżami, sa fejn il-pożizzjonijiet vakanti u liberi li għalihom japplika l-Artikolu 4(1) u (11) tal-Liġi Nru 124/1999 huma intiżi li jiġu okkupati minn persunal permanenti u, għalhekk, għandhom natura *a priori* mhux temporanja, iżda permanenti.

51 Minn dan isegwi li l-bżonn ta' flessibbiltà speċifika għat-tagħlim pubbliku, kif invokat mir-Repubblika Taljana, ma jistax jintlaqa', f'dan il-każ, sabiex jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tipprevedi, b'mod konformi mal-punt 1(a) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, "raġuni oġġettiva" li tiġġustifika t-tiġdid tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat konklużi mal-persunal ATA impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi.

52 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-eżistenza eventwali, fid-dritt Taljan, ta' "miżuri legali ekwivalenti", fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, għandu jitfakkar li din l-espressjoni hija intiża li tkopri kull miżura tad-dritt nazzjonali li, bħall-miżuri stabbiliti minn din il-klawżola, ikollha l-għan li tipprevjeni b'mod effettiv l-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 F'dan il-każ, għandu jiġi ppreċiżat li, minkejja li l-Kummissjoni tindirizza l-eventwalità li r-Repubblika Taljana tista' tipprova tislet argument mill-adozzjoni ta' tali miżuri legali ekwivalenti, minħabba li hija organizzat, f'dawn l-aħħar snin, sensiela ta' kompetizzjonijiet li jippermettu li numru ta' ħaddiema li jappartjenu lill-persunal ATA jinħatru bħala uffiċjali permanenti, xejn ma jindika li dan l-Istat Membru effettivament kellu l-intenzjoni li jinvoka l-organizzazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet bħala "miżura legali ekwivalenti".

54 Madankollu, u fi kwalunkwe każ, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-organizzazzjoni, fit-termini meħtieġa, ta' proċeduri ta' selezzjoni intiżi li jimtlew b'mod definittiv il-pożizzjonijiet okkupati provviżorjament minn ħaddiema għal żmien determinat hija ta' natura li

tevita li l-istatus prekarju ta' dawn il-ħaddiema jippersisti, billi jiġi żgurat li l-pożizzjonijiet li huma jokkupaw jimtlew malajr b'mod definittiv. Għalhekk, tali miżura tista' tkun ta' natura li tipprevjeni l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat u tikkostitwixxi għalhekk "miżura legali ekwivalenti" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punti 93 sa 95).

55 Madankollu, kif enfasizzat il-Kummissjoni, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-Repubblika Taljana, jidher, f'dan il-każ, li l-kompetizzjonijiet organizzati fil-passat reċenti sabiex ħaddiema li jaqgħu taħt il-persunal ATA jinħatru bħala uffiċjali permanenti ma ġewx organizzati f'termini preċiżi stabbiliti għal dan l-għan, iżda, għall-kuntrarju, b'mod okkażjonali u imprevedibbli, bħal dawk imsemmija fil-punt 42 ta' din is-sentenza, b'tali mod li ma jistgħux jitqiesu, għal raġunijiet analogi għal dawk esposti fil-punti 43 u 44 ta' din is-sentenza, bħala li jikkostitwixxu "miżura legali ekwivalenti" fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 98).

56 Fir-raba' u l-aħħar lok, sa fejn ir-Repubblika Taljana tqis li hemm lok li tiġi sospiża l-proċedura fl-istennija tal-adozzjoni ta' ċerti emendi leġiżlattivi li qegħdin jiġu ppreparati li jinkludu mekkaniżmi ġodda ta' progress u ta' reklutaġġ tal-persunal ATA u li jistgħu, fil-fehma tagħha, itemmu kull nuqqas eventwali ta' twettiq ta' obbligu għal dak li jirrigwarda l-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, tali argument ma jistax jintlaqa'. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont kif kienet is-sitwazzjoni tal-Istat Membru fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata (sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-519/03, EU:C:2005:234, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata), jiġifieri, f'dan il-każ, fid-19 ta' Ġunju 2023.

57 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tipprevedi ebda waħda mill-miżuri previsti fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, u lanqas ma tinkludi miżuri legali ekwivalenti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Konsegwentement, ir-rikors imressaq mill-Kummissjoni huwa fondat.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma ħaditx miżuri intiżi li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat għall-persunal ATA ta' sostituzzjoni impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.

Fuq l-ispejjeż

59 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li ġie kkonstatat li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, din għandha tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi ma adottatx miżuri intiżi li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat għall-persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju ta' sostituzzjoni impjegat fl-istabbilimenti ta' tagħlim pubbliċi, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss,**

konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP.

2) **Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem